

INFORMAZZJONI DWAR IŻ-ŻONA EKONOMIKA EWROPEA

AWTORITÀ TA' SORVELJANZA EFTA

Tħabbira min-Norveġja Dwar id-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi

Tħabbira ta' stedina għall-applikazzjoni għal liċenzji tal-produzzjoni tal-petroleum fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża — Aġġudikazzjonijiet f'Żoni Predefiniti 2018

(2018/C 225/05)

Il-Ministeru Norveġiż tal-Petroleum u l-Enerġija b'dan qiegħed iħabbar stedina għal applikazzjoni għal liċenzji tal-produzzjoni tal-petroleum b'konformità mad-Direttiva 94/22/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-30 ta' Mejju 1994 dwar il-kundizzjonijiet għall-għoti u l-użu ta' awtorizzazzjonijiet għall-ipprospettar, l-esplorazzjoni u l-produzzjoni ta' idrokarburi, Artikolu 3(2)(a).

Il-liċenzji għall-produzzjoni se jingħataw biss lil kumpaniji rreġistrati fin-Norveġja jew fi stat ieħor imsieħeb fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-Ftehim taż-ŻEE), jew lil persuni fiżiċi domiċiljati fi stat imsieħeb fil-Ftehim taż-ŻEE.

Kumpaniji li ma għandhomx liċenzja għall-Blata Kontinentali Norveġiża jistgħu jingħataw liċenzji għall-produzzjoni jekk ikunu prekwalfikati bħala detenturi ta' liċenzja għal fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża.

Il-Ministeru se jittratta ndaqs lill-kumpaniji individwali u lill-kumpaniji li japplikaw bħala parti minn grupp. L-applikanti li jissottomettu applikazzjoni individwali, jew l-applikanti li jagħmlu parti minn grupp li jippreżentaw applikazzjoni konġunta, se jkunu kkunsidrati lkoll bħala applikanti għal liċenzja għall-produzzjoni. Il-Ministeru jista', fuq il-bażi tal-applikazzjonijiet sottomessi minn gruppi jew applikanti individwali, jgħaqqad gruppi liċenzjati biex jingħataw liċenzja għal tal-produzzjoni, inkluż billi jneħħi applikanti minn applikazzjoni fi grupp u jżid applikanti individwali, kif ukoll billi jaħtar l-operatur għal tali gruppi.

L-għoti ta' interess ta' parteċipazzjoni f'liċenzja tal-produzzjoni se jkun soġġett għad-dħul tad-detenturi ta' liċenzja fi Ftehim dwar Attivitajiet marbutin mal-Petroleum, li jinkludi Ftehim Operattiv Konġunt u Ftehim ta' Kontabbiltà. Jekk il-liċenzja tal-produzzjoni tinqasam b'mod stratigrafiku, id-detenturi taż-żewġ liċenzji diviżi b'mod stratigrafiku jintalbu wkoll jidħlu fi Ftehim Operattiv Konġunt, li jirregola r-relazzjoni ta' bejniethom f'dan ir-rigward.

Malli jiġu ffirmati l-ftehimiet imsemmija, id-detenturi tal-liċenzji jingħaqdu f'impriża konġunta li fiha d-daqs tal-parteċi-pazzjoni tagħhom jibqa' dejjem l-istess bħall-parteċi-pazzjoni tagħhom fil-liċenzja tal-produzzjoni.

Id-dokumenti tal-liċenzja ser ikunu bbażati prinċipalment fuq dokumenti rilevanti mill-Aġġudikazzjonijiet f'Żoni Predefiniti 2017. L-għan hu li l-elementi prinċipali ta' kwalunkwe aġġustamenti fil-qafas isiru disponibbli għall-industrija qabel iż-żmien tal-applikazzjoni.

Il-kriterji għall-għoti ta' liċenzja tal-produzzjoni

Fl-interess ta' ġestjoni tajba tar-riżorsi u biex l-esplorazzjoni u l-produzzjoni tal-petroleum fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża jsiru b'mod rapidu u effiċjenti, inkluż il-kompożizzjoni ta' gruppi ta' liċenzja biex jiżguraw dan, għandhom japplikaw il-kriterji li ġejjin għall-għoti tal-parteċi-pazzjonijiet fil-liċenzji tal-produzzjoni u għall-ħatra ta' operatur:

- (a) L-għarfien ġeoloġiku tal-applikant dwar iż-żona ġeografika inkwistjoni, u kif il-liċenzjati jipproponu li jwettqu l-esplorazzjoni effiċjenti għall-petroleum.
- (b) Il-kompetenza teknika rilevanti tal-applikant, u kif din il-kompetenza tista' tikkontribwixxi b'mod attiv għall-esplorazzjoni kosteffikaċi u, skont kif ikun xieraq, il-produzzjoni tal-petroleum fiż-żona ġeografika inkwistjoni.
- (c) L-esperjenza tal-applikant fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża jew esperjenza rilevanti ekwivalenti f'żoni oħra.
- (d) Li l-applikant ikollu kapaċità finanzjarja sodisfaċenti biex iwettaq l-esplorazzjoni għall-petroleum u, kif xieraq, il-produzzjoni tal-petroleum fiż-żona ġeografika inkwistjoni.
- (e) Jekk l-applikant huwa, jew kien, detentur ta' liċenzja tal-produzzjoni l-Ministeru jista' jieħu f'kunsiderazzjoni kwalunkwe forma ta' ineffiċjenza jew nuqqas ta' akkontabbiltà murija mill-applikant bħala detentur ta' liċenzja.

- (f) Il-liċenzji tal-produzzjoni se jingħataw prinċipalment lil impriża konġunta li fiha mill-inqas detentur ta' liċenzja wieħed ikun ħaffer mill-inqas bir wieħed fil-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollu esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti mhux fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża.
- (g) Il-liċenzji għall-produzzjoni se jingħataw prinċipalment lil żewġ detenturi jew aktar, fejn minn tal-inqas wieħed minnhom ikollu esperjenza kif imsemmi f(f).
- (h) Operatur maħtur għal-liċenzji tal-produzzjoni fil-Baħar Barents irid ikun ħaffer minn tal-inqas bir wieħed fil-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollu esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti mhux fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża.
- (i) Għal-liċenzji ta' produzzjoni f'baħar fond, kemm l-operatur li jinħatar kif ukoll minn tal-anqas detentur tal-liċenzja ieħor iridu jkunu ħaffru minn tal-anqas bir wieħed fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollhom esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti mhux fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża. Fil-liċenzja tal-produzzjoni, detentur ta' liċenzja wieħed irid ikun ħaffer f'baħar fond bħala operatur.
- (j) Għal-liċenzji tal-produzzjoni fejn ikun mistenni li jsir tħaffir ta' bjar fi pressjoni għolja u/jew temperaturi għoljin (HPHT), kemm l-operatur maħtur kif ukoll minn tal-anqas detentur ta' liċenzja ieħor iridu jkunu ħaffru minn tal-anqas bir wieħed fil-Blata Kontinentali Norveġiża bħala operatur, jew ikollhom esperjenza operazzjonali rilevanti ekwivalenti mhux fuq il-Blata Kontinentali Norveġiża. Fil-liċenzja tal-produzzjoni, detentur ta' liċenzja wieħed irid ikun ħaffer bir HPHT bħala operatur.

Blokko li għalihom tista' ssir applikazzjoni

L-applikazzjonijiet għal interessi ta' parteċipazzjoni fl-liċenzji tal-produzzjoni jistgħu jiġu sottomessi għall-blokk li mhu-miex liċenzjati fiż-żona ddefinita minn qabel, kif muri fuq il-mapep ippubblikati mill-NPD. Huwa wkoll possibbli li ssir applikazzjoni għal żoni li ġew ċeduti fiż-żona definita minn qabel, wara t-tħabbira skont mapep aġġornati dwar il-Factmaps interattivi tad-Direttorat tal-Petroleum Norveġiż li jinsabu fil-paġna web tal-NPD).

Kull liċenzja tal-produzzjoni tista' tikkonsisti fi blokka waħda jew akta, jew f'parti minn blokka/blokk. L-applikanti huma mitluba jillimitaw id-deskrizzjoni fl-applikazzjoni għal żoni fejn huma jkunu mmappjaw prospettivament.

It-test sħiħ tat-tħabbira, li jinkludi mapep iddetaljati taż-żoni disponibbli jinsab fuq il-paġna web tad-Direttorat tal-Petroleum Norveġiż www.npd.no/apa2018

L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-produzzjoni tal-Petroleum jintbagħtu lil

Il-Ministeru tal-Petroleum u l-Enerġija
P.O. Box 8148 Dep.
0033 OSLO
NORWAY

Għandhom jintbagħtu żewġ kopji lil

The Norwegian Petroleum Directorate
P.O. Box 600
4003 STAVANGER
NORWAY

Skadenza: nofsinhar tal-4 ta' Settembru 2018.

L-għoti ta' liċenzji tal-produzzjoni tal-Petroleum fl-Aġġudikazzjonijiet f'Żoni Predefiniti 2019 fil-Blata Kontinentali Norveġiża huwa ppjanat li jseħħ fl-ewwel kwart tal-2019.